**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 21 ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru 16/15**

**John Coleiro**

**-vs-**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **John Coleiro** fit-30 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Marzu 2015 li permezz taghha irrifjutat li ggeddidlu l-permess ta' xufier (tag) peress li ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni tajba u kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur;

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fit-23 ta' April 2015 li permezz taghha eccepiet li d-decizjoni appellata hija wahda gusta, ragjonevoli u legali u konsgwentement timmerita konferma;

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 2015 fejn id-difensur tal-Awtorita` intimata iddikjarat li jista' jkun li l-fedina penali tar-rikorrent ma tirriflettix is-

sentenzi kriminali kif decizi u ghalhekk talbet zmien biex il-partijiet ikunu jistghu jirregolaw rwiehhom;

Sema' ix-xhieda ta' PC 525 Charlton Falzon Cascun u ta' WPC 107 Sharon Bonnici;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016 fejn il-partijiet infurmaw lit-Tribunal li fil-mori r-rikorrent inghata l-permess ta' xufier u ghalhekk illum il-gurnata il-mertu huwa ezawrit;

Ra n-nota ta' cessjoni tal-mertu fejn pero` nzamm ferm il-kap tal-ispejjez;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza fuq il-kap tal-ispejjez;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Marzu 2015 li permezz taghha gie mgharraf li l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' xufier kienet qed tigi rifjutata peress li kien inghata sentenza datata 6 ta' Gunju 2014 wara li kkommetta reat li ghalih tista' tehel piena ta' tliet xhur prigunierja jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87).

Illi mill-fedina penali esebita minn WPC 107 Sharon Bonnici jirrizulta illi l-fedina penali tar-rikorrent giet emendata fit-3 ta' Dicembru 2015 billi giet ikkancellata parti mill-imputazzjonijiet li kien gie akkuzat bihom ir-rikorrent u cioe` r-reat li bl-imgieba tieghu ikkawza biza li se tintuza vjolenza kontraterzi u dana a tenur tal-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali li mieghu igorr piena ta' multa mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) u/jew minn tlett xhur sa sitt xhur prigunerija. Illi jirrizulta illi din l-imsemmija imputazzjoni giet imnizzla fil-fedina penali tar-rikorrent meta huwa fil-fatt kien gie liberat minnha pero` gie misjub hati ta' imputazzjoni ohra u cioe` li hebb ghal terzi u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa u dan skond kif jirrizulta mis-sentenza datata 6 ta' Gunju 2014 esebita a fol. 25 tal-process piena sa massimu ta' tlett xhur prigunerija jew multa.

Illi wara li l-Awtorita` intimata hadet in konsiderazzjoni l-fedali penali emendata hija harget il-permess ta' xufier lir-rikorrent u ghalhekk il-mertu gie ezawrit.

Madankollu jibqa' l-fatt li r-rikorrent kellu jirrikorri ghal dawn il-proceduri minhabba zball li wettaq il-Kummissarju tal-Pulizija. Illi fil-verita` l-Awtorita` intimata imxiet fuq il-fedina penali u minn kif dehru l-affarijiet fuq l-istess fedina penali kellha ragun tirrifjuta l-permess ta' xufier ai termini tar-Regolament 130A (4) (b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-ebda parti f'din il-kwistjoni ma kellhom tort ta' kif zvolgew l-affarijiet izda t-tort kien ta' terzi li pero` mhux parti f'dawn il-proceduri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qieghed jiddeciedi l-kwistjoni tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri billi jordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**